MT

MT MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 8.12.2010
KUMM(2010) 716 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji**

{SEG(2010) 1496 finali}
{SEG(2010) 1497 finali}

MT MT

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

**Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji**

# 1. INTRODUZZJONI

Sar progress fil-ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-kostruzzjoni tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji lejn qafas armonizzat ta' regoli prudenzjali u regoli ta' kondotta għall-istituzzjonijiet finanzjarji, li għandhom jiżguraw sikurezza, stabilità u integrità fis-swieq finanzjarji.

Il-kriżi finanzjarja wasslet għad-dubju dwar kemm ir-regoli tas-swieq finanzjarji jiġux rispettati u applikati dejjem kif suppost fl-Unjoni kollha. In-nuqqas ta' infurzar tar-regoli tal-UE fi Stat Membru jista' jkollu implikazzjonijiet sinifikanti fuq l-istabilità u l-funzjonament tas-sistema finanzjarja fi Stat Membru ieħor. Għalhekk huwa essenzjali li tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti u effettiva tar-regoli tal-UE fl-Istati Membri kollha.

Il-Kummissjoni kienet qed taħdem fuq riforma komprensiva tas-settur finanzjarji li timmira lejn l-iżgurar tas-sodezza u l-istabilità tas-sistema finanzjarja. Partikolarment, ir-riforma reċenti tal-arkitettura superviżorja ser tippermetti monitoraġġ aħjar tas-swieq finanzjarji u tissalvagwardja aħjar l-istabilità, is-sigurtà u l-integrità tas-suq.

Reġimi konverġenti effiċjenti u suffiċjenti tas-sanzjonar huma neċessità għas-sistema superviżorja l-ġdida. Kif rikonoxxut fir-rapport de Larosière: "*Superviżjoni ma tistax tkun effikaċi b'reġimi differenti ħafna u dgħajfa tas-sanzjonar. Huwa essenzjali li fl-UE u kullimkien, is-superviżuri jkunu kapaċi jużaw reġimi tas-sanzjonar li jkunu konverġenti biżżejjed, stretti li jirriżultaw f'deterrent*"[1].

L-iżgurar tal-applikazzjoni dovuta tar-regoli tal-UE huwa l-ewwel u qabel kollox il-kompitu tal-awtoritajiet nazzjonali li għandhom ir-responsabilità li jipprevjenu l-istituzzjonijiet finanzjarji milli jiksru r-regoli tal-UE, u li jissanzjonaw il-vjolazzjonijiet fil-ġuriżdizzjoni tagħhom. Imma l-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ li jaġixxu b'mod kordinat u integrat. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) ġodda ser iwasslu għal titjibiet fil-kordinazzjoni tal-attivitajiet ta' infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali[2]. Barra minn hekk, infurzar xieraq tal-

[1] Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja fl-UE ippresedut minn Jacques de Larosière, 25.2.2009, par. 201, mhux tradott għall-Malti.

[2] F'Novembru 2010, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw atti leġiżlattivi li jistabilixxu qafas superviżorju ġdid għar-regolazzjoni finanzjarja fl-Ewropa, inkluż il-ħolqien tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS), l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), u l-Awtorità Ewropea dwar l-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX), ara COM(2009) 499 finali, COM(2009) 501 u COM(2009) 502. Dawn l-awtoritajiet ser ikollhom setgħat iwettqu analiżijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet nazzjonali inkluż is-setgħat tas-sanzjonar u ser jirċievu informazzjoni dwar is-sanzjonijiet applikati mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawk is-setgħat jistgħu jintużaw biex tiġi mmonitorjata l-leġiżlazzjoni nazzjonali u jiġi promoss l-iskambju tal-informazzjoni u l-aqwa prassi bejn l-Istati Membri. Ikollhom ukoll is-setgħa li jsolvu tilwimiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali, f'xi oqsma li jeħtieġu koperazzjoni, kordinazzjoni jew teħid konġunt ta' deċiżjonijiet minn awtoritajiet superviżorji differenti. Fil-Proposta

leġiżlazzjoni tal-UE teħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kollha jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom setgħat tas-sanzjonijiet xierqa.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill ECOFIN il-Kunsill talab lill-Kummissjoni u lit-tliet Kumitati tas-Superviżuri (il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej - KSBE, il-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol – CEIOPS u l-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli – KRET) biex iwettqu eżerċizzju ta' stima trassettorjali tal-koerenza, ekwivalenza u l-użu reali tas-setgħat tas-sanzjonar fl-Istati Membri, sabiex jgħinu biex jiġi ddeterminat jekk ir-reġimi tas-sanzjonar humiex suffiċjentement ekwivalenti[3]. L-istudji mwettqa mill-Kumitati tas-Superviżuri jkopru s-sanzjonijiet applikati mill-Istati Membri għall-vjolazzjonijiet tar-regoli nazzjonali li jittrasponu wħud mid-direttivi l-aktar importanti tal-UE applikabbli fis-setturi bankarji, tal-assigurazzjoni u tat-titoli[4]. Wara dan l-eżerċizzju[5], il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2009 u t-2 ta' Ġunju 2010[6] ħabbru Komunikazzjoni dwar is-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji biex jippromwovi l-konverġenza tas-sanzjonijiet fil-firxa kollha tal-attivitajiet superviżorji.

Fil-livell internazzjonali, it-tisħiħ tar-reġimi tas-sanzjonar huwa wieħed mill-elementi tar-riforma tas-settur finanzjarju. Fis-samit li sar f'Washington fil-15 ta' Novembru 2008, il-mexxejja tal-G20 qablu dwar l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' azzjoni għar-Riforma tas-swieq

---

tagħha dwar l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu - COM(2010) 289 - il-Kummissjoni tipproponi wkoll li tinkariga lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq bis-setgħa li tieħu miżuri superviżorji xierqa fil-każ ta' vjolazzjonijiet tar-Regolament u li titlob lill-Kummissjoni biex timponi multa fuq aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu f'xi każijiet speċifiċi.

3 Il-Kunsill Ewropew, f'"Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini", tat-2.12.2009, jisħaq il-ħtieġa li jiġu rregolati s-swieq finanzjarji u jiġi pprevenut l-abbuż u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex itejbu d-detezzjoni tal-abbuż tas-suq u l-miżappropprijazzjoni tal-fondi. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill JHA dwar il-prevenzjoni tal-kriżi ekonomika u l-appoġġ għall-attività ekonomika, jisħqu li tista' tingħata kunsiderazzjoni dwar jekk ikunx possibbli jew, skont il-każ, ikunx xieraq li jiġu armonizzati l-liġijiet kriminali rigward it-trattament tal-manipulazzjonijiet serji tal-prezzijiet fis-suq tal-istokks u mġieba ħażina oħra b'rabta mas-swieq tat-titoli. Ara Docc. 8920/10 tat-22.04.2010 u 7881/10 tat-29.03.2010.

4 Id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali 2006/48/KE (ĠU L 302, 17.11.2009); id-Direttiva dwar is-Swieq fl-istrumenti finanzjarji 2004/39/KE (ĠU L 145, 30.04.2004); id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq 2003/6/KE (ĠU L 96, 12.04.2003); id-Direttiva Solvenza II 2009/138/KE (ĠU L 335, 17.12.2009); id-Direttiva dwar il-Prospett 2003/71/KE (ĠU L 345, 31.12.2003); id-Direttiva dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni 2002/92/KE (ĠU L 9, 15.01.2003); id-Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus 2005/60/KE (ĠU L 309, 25.11.2005); id-Direttiva UCITS 2009/65/KE (ĠU L 302, 17.11.2009).

5 KSBE: "Mapping of supervisory objectives, including early intervention measures and sanctioning powers" (Pjantifikazzjoni tal-għanijiet superviżorji, inkluż miżuri ta' intervent bikri u s-setgħat tas-sanzjonijiet), Marzu 2009/47, KRET: "Report on administrative measures and sanctions as well as criminal sanctions available in Member States under the Market Abuse Directive" (Rapport dwar il-miżuri u sanzjonijiet amministrattivi kif ukoll is-sanzjonijiet kriminali disponibbli fl-Istati Membri skont id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq), 17.10.2007; "Report on the mapping of supervisory powers, supervisory practices, administrative and criminal sanctioning regimes of MS in relation to the MiFID Directive" (Rapport dwar il-pjanifikazzjoni tas-setgħat superviżorji, il-prassi superviżorji, ir-reġimi ta' sanzjonar amminsitrattiv u kriminali tal-SM b'rabta mad-Direttiva MiFID; 16.02.2009, 08/220, "Report on CESR members' powers under the Prospectus Directive and its implementing measures" (Rapport dwar is-setgħat tal-membri tal-KRET skont id-Direttiva dwar il-Prospett u l-miżuri implimentattivi tagħha) Ġunju 2007, 07-384; CEIOPS: "Report to the European Commission on EU supervisory powers, objectives, sanctioning powers and regimes" (Rapport lill-Kummissjoni Ewropea dwar is-setgħat superviżorji, l-għanijiet, is-setgħat u r-reġimi tas-sanzjonar tal-UE), 29.05.2009, 21/09. Din il-Komunikazzjoni hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta f'dawk ir-rapporti u l-kontribuzzjonijiet irċevuti sussegwentement mill-Istati Membri.

6 COM(2010) 301.

finanzjarji inkluż azzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tas-swieq u l-investituri mill-kondotta illeċita u lejn l-iżgurar li jkun hemm reġimi tas-sanzjonar adatti[7]. Li jiżdiedu l-infurzar u r-rimedji regolatorji huwa wkoll wieħed mill-għanijiet tar-riforma riċenti tar-regolazzjoni finanzjarja tal-US[8].

Abbażi tal-istudji msemmija tal-Kumitati tas-Superviżuri u d-diskussjonijiet mal-Istati Membri, din il-Komunikazzjoni tippreżenta oqsma għal titjib potenzjali identifikati fl-eżami tar-reġimi nazzjonali tas-sanzjonar, tissuġġerixxi azzjonijiet possibbli mill-UE biex tintlaħaq konverġenza u effiċjenza akbar ta' dawn ir-reġimi, u tistieden lill-partijiet interessati konċernati kollha biex jikkummentaw dwar l-azzjonijiet proposti.

Abbażi tar-rispons li wasal, li jalimenta d-dibattitu dwar ir-rwol tar-reġimi tas-sanzjonar b'rabta ma' aktar leġiżlazzjoni, u b'segwitu għal valutazzjoni tal-impatt dettaljata tal-kwistjonijiet rilevanti b'rabta mas-sanzjonar, il-Kummissjoni ser tikkunsirda liema proposti jkunu meħtieġa biex jemendaw l-atti leġiżlattivi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji[9].

## 2. Reġimi tas-sanzjonar fis-settur finanzjarju

### 2.1. Kunċetti ewlenin

Din il-Komunikazzjoni tirreferi għar-reġimi ta' sanzjonar bħala l-qafas legali li jkopri s-sanzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-vjolazzjonijiet tar-regoli tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji (inkluż regoli nazzjonali li jittrasponi d-direttivi tal-UE) mill-istituzzjonijiet finanzjarji u parteċipanti oħra fis-suq, u l-infurzar reali tas-sanzjonijiet.

Is-sanzjonijiet huma parti importanti ta' kwalunkwe sistema regolatorja. Huma jipprovdu deterrent u jaġixxu ta' katalizzatur biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE. Fis-settur finanzjarju, reġimi tas-sanzjonar effiċjenti huma element kruċjali tar-reġim superviżorju li għandu jiżgura swieq finanzjarji sodi u stabbli u, finalment, il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-investituri. L-ambitu ta' din il-Komunikazzjoni huwa limitat għas-sanzjonijiet imposti u applikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri inkluż il-qrati fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Aktar inċentivi biex jiżguraw konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE jistgħu jiġu pprovduti billi jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom mezz biex jiksbu rimedju mill-awturi ta' vjolazzjoni kulfejn ikunu ġarrbu dannu. Il-Kummissjoni ser tvara konsultazzjoni pubblika dwar ir-rimedju kollettiv[10], fejn ser tqis ukoll kwistjonijiet marbuta mar-rimendju għall-konsumatur fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

---

7 Laqgħat sussegwenti tal-G20 appellaw għall-bżonn li tissaħħaħ is-superviżjoni u r-regolazzjoni finanzjarja biex tiġi promossa, fost l-oħrajn, l-integrità tas-suq u tiġi appoġġata d-dixxiplina fis-suq (Londra, April 2009) u għal azzjonijiet biex jiġu protetti l-konsumaturi, id-depożituri u l-investituri kontra l-prassi abbużiva fis-suq (Pittsburgh, Settembru 2009).

8 Id-Dodd-Frank Wall Street Reform u l-Consumer Protection Act, (Lulju 2010) jipprovdu riforma komprensiva tas-sistema finanzjarja Amerikana. L-implimentazzjoni tagħha fil-prattika hija soġġetta għal ammont sostanzjali ta' regoli żviluppati mill-aġenziji regolatorji inkarigati tal-US sabiex iġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet ta' livell għoli tal-Att. Ir-riforma tipprevedi, pereżempju, il-ħolqien ta' inċentivi finanzjarji għall-informaturi li jirrapportaw lis-SEC vjolazzjonijiet tal-liġijiet tat-titoli, it-tisħiħ tal-awtorità tas-SEC biex tieħu azzjonijiet biex tgħin u tħeġġeġ kwalunkwe persuna li tkun kisret il-liġijiet federali tat-titoli, u livell aktar baxx ta' prova għal dan.

9 Eżami tas-setgħat superviżorji disponibbli għas-superviżuri bankarji nazzjonali twettaq pereżempju fil-ħidma attwali tal-immaniġjar tal-kriżijiet.

10 Ara l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni 2011, par. 2.6 - COM(2010)623.

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-UE, is-sanzjonijiet irid ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. Is-sanzjonijiet jistgħu jitqiesu *effikaċi* meta dawn ikunu kapaċi jiżguraw konformità mad-dritt tal-UE, *proporzjonati* meta jirriflettu adegwatement il-gravità tal-vjolazzjoni u ma jmorrux lil hinn minn dak neċessarju għall-ilħuq tal-għanijiet, u *dissważivi* meta jkunu suffiċjentement serji biex jiskuraġġixxu l-awturi ta' vjolazzjonijiet milli jirrepetu l-istess kontravenzjoni, u kontraventuri potenzjoni oħra milli jikkommettu tali vjolazzjonijiet.

Jekk is-sanzjonijiet jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti, jiddependi minn għadd ta' fatturi, bħan-natura u l-livell tas-sanzjonijiet dispost mil-liġi, l-arranġamenti istituzzjonali u proċedurali li jirregolaw l-applikazzjoni tagħhom, id-detezzjoni effikaċi tal-vjolazzjonijiet u l-applikazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet disposti mil-liġi. Dawn il-fatturi huma parti mir-reġimi tas-sanzjonar kif imsemmi f'din il-Komunikazzjoni.

Ir-regoli tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji jirreferu kemm għal "sanzjonijiet amministrattivi" kif ukoll għal "miżuri amministrattivi". Id-distinzjoni bejn miżuri u sanzjonijiet mhijiex ċara: xi azzjonijiet amministrattivi, bħall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, jistgħu jitqiesu bħala sanzjoni amministrattiva f'xi Stati Membri u miżura amministrattiva f'oħrajn. Din il-komunikazzjoni tirreferi għal "sanzjonijiet" bħala kunċett wiesa' li jkopri l-firxa kollha ta' azzjonijiet applikati wara li titwettaq vjolazzjoni, u maħsuba biex jipprevjenu lill-kontraventur kif ukoll il-pubbliku ġenerali milli jwettqu aktar vjolazzjonijiet.

## 2.2. Il-qafas legali tal-UE

Skont il-qafas legali eżistenti, l-Istati Membri jgawdu awtonomija konsiderevoli f'termini ta' għażla u applikazzjoni tas-sanzjonijiet nazzjonali. Madankollu, din l-awtonomija għandha tiġi bbilanċata bil-ħtieġa għal applikazzjoni effikaċi u konsistenti tad-dritt Ewropew. Partikolarment, id-Direttivi u Regolamenti Ewropej fis-seħħ bħalissa fil-qasam tas-servizzi finanzjarji essenzjalment fihom erbgħa gruppi ta' dispożizzjonijiet tas-sanzjonar.

– L-ewwel grupp jittratta l-kordinazzjoni tas-setgħa li jiġu imposti sanzjonijiet bejn bosta Stati Membri li jistgħu jiġu affettwati minn vjolazzjoni – kwistjoni kruċjali fil-kuntest tal-"passaport" u l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi u l-libertà tal-istabiliment fis-suq intern[11].

– It-tieni grupp jinkludi obbligu għall-Istati Membri biex jipprovdu għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet u miżuri amminsitrattivi xierqa fejn ir-regoli tal-UE jkunu nkisru, u biex jiżguraw li dawn ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi[12]. Il-biċċa l-kbira mid-Direttivi

[11] Id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq, l-Artikolu 16; Solvenza II, l-Artikolu 250(1)(b); DRK, l-Artikolu 132(1)(d); Solvenza II, l-Artikolu 155(3), 158(2); DRK, l-Artikolu 30(3); MiFID, l-Artikolu 62(2); UCITS, l-Artikoli 21(5) u 108(5); id-Direttiva dwar il-Prospett, l-Artikolu 23; MiFID, l-Artikoli 32(7) u 62(2); UCITS, l-Artikoli 108(1) u 109(2); MiFID, l-Artikolu 62(2).

[12] L-Artikolu 51(1) tal-MiFID jistipula, pereżempju, li: "Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni jew għad-dritt tal-Istati Membri li jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, illi jkunu jistgħu jittieħdu l-miżuri amministrattivi appoprjati jew ikunu jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet amministrattivi kontra l-persuni responsabbli, meta ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet adottati sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi dawn il-miżuri jkunu effettivi[effikaċi], proporzjonati u dissważivi." Ara wkoll l-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar il-Prospett 2003/71/KE, l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq 2003/6/KE (interpretata mill-Qorti fil-kawża C-45/08, Spector Photo Group v Van Raemdonck/CBFA, sentenza tat-23.12.2009, para 65-77), u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/109/KE dwar ir-rekwiżit tat-trasparenza, l-Artikolu 99(1) tad-Direttiva UCITS 2009/65/KE, l-

eżistenti jipprevedu lista ta' setgħat li għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali, imma mingħajr ma jiddistingwu bejn miżuri investigattivi, preventivi u ripressivi u mingħajr ma jispeċifikaw f'liema każijiet għandhom jintużaw dawk is-setgħat[13].

– It-tielet grupp li jittratta s-sanzjonijiet għal vjolazzjonijiet speċifiċi[14]. Ċerti atti jindikaw sanzjoni partikolari waħda jew aktar, bħall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu f'ċerti ċirkostanzi speċifiċi[15], u f'ċerti każijiet wkoll fejn f'dawn iċ-ċirkostanzi l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati jimponu dik is-sanzjoni[16].

– Ir-raba' grupp jiddisponi għall-awtoritajiet biex jippubblikaw il-miżuri u sanzjonijiet f'ċerti ċirkostanzi[17].

Il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE hija ristretta għas-sanzjonijiet u miżuri amministrattivi. L-Istati Membri jistgħu jaqgħżlu li japplikaw sanzjonijiet kriminali.

## 3. DEFIĊENZI TAR-REĠIMI EŻISTENTI TAS-SANZJONAR

Mill-eżami tar-reġimi tas-sanzjonar imwettaq mill-Kummissjoni b'koperazzjoni mal-Kumitati tas-Superviżuri joħorġu divergenzi bejn l-Istati Membri. Tali diverġenzi jistgħu joriġinaw minn diversi fatturi inkluż id-differenzi fis-sistemi ġuridiċi nazzjonali tal-Istati Membri, rekwiżiti kostituzzjonali, il-funzjonament tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u r-rwol tal-qrati (amministrattivi jew kriminali).

Il-mod li bih jitfasslu s-sanzjonijiet f'xi Stati Membri jqajjem il-mistoqsija dwar kemm is-sanzjonijiet ikunu effikaċi bis-sħiħ, proporzjonati u diswassivi. Barra minn hekk, id-diverġenzi jeżistu fil-livell tal-infurzar. F'xi Stati Membri ma ġiet applikata l-ebda sanzjoni għal aktar minn sentejn. Il-Kummissjoni tqis li dan jista' jkun sintomatiku ta' infurzar dgħajjef tar-regoli tal-UE.

### 3.1. Diverġenzi u dgħufijiet fir-reġimi nazzjonali tas-sanzjonar

Filwaqt li n-natura u l-grad tagħhom ivarja sa ċertu punt bejn is-settur u bejn l-atti leġiżlattivi tal-UE, ġew identifikati ċerti diverġenzi u dgħufijiet dwar il-kwistjonijiet segwenti[18].

---

Artikolu 54 tad-Direttiva 2006/48/KE dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu, jew l-Artikolu 34 tad-Direttiva Solvenza II 2009/138/KE, l-Artikolu 39(2) tad-Direttiva dwar il-ħasil tal-flus, li wkoll jipprevedu sanzjonijiet kontra persuni fiżiċi. Il-premessa 38 tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq tispeċifika li s-"sanzjonijiet għandhom ikunu dissważivi biżżejjed u proporzjonati għall-gravità tal-ksur u għall-gwadanni realizzati."

13 Ara MiFID l-Artikolu 50, DRK l-Artikolu 136, UCITS l-Artikolu 98, Solvenza II l-Artikolu 34, id-Direttiva dwar il-Prospett l-Artikolu 21.

14 Ara l-Artikoli 62, 258(2) tad-Direttiva 2009/138/KE – Solvenza II; l-Artikolu 99(2) UCITS; l-Artikolu 8(1)-(3) tad-Direttiva 2002/92/EC dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

15 Dan jikkonċerna prinċipalment l-irtirar ta' awtorizzazzjoni, ara eż. id-Direttiva 2009/138/KE (Solvenza II), l-Artikolu 144(1); id-Direttiva 2006/48/KE (DRK), l-Artikolu 17.

16 Ara eż. id-Direttiva 2009/138/KE (Solvenza II), l-Artikoli 131 u 144(2).

17 Pereżempju l-Artikolu 51(3) tad-Direttiva 2004/39/KE - MiFID, l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva dwar il-Prospett 2003/71/KE, l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2004/109/KE dwar ir-rekwiżiti tat-trasparenza, l-Artikolu 14(4) tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq 2003/6/KE, l-Artikolu 99(3) tad-Direttiva 2009/65/KE – UCITS.

**Xi awtoritajiet kompetenti ma għandhomx għad-dispożizzjoni tagħhom tipi importanti ta' setgħat tas-sanzjonar għal ċerti vjolazzjonijiet**

It-tipi ta' sanzjonijiet ivarja ħafna bejn l-Istati Membri, inkluż għall-istess tip ta' vjolazzjoni. Ġeneralment, l-awtoritajiet kompetenti ser ikunu biss kapaċi jimponu sanzjoni li tkun ottimali f'termini ta' effikaċa, proporzjonalità u dissważività, jekk ikollhom firxa wiesgħa ta' setgħat differenti tas-sanzjonar.

Il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali mhux dejjem jipprevedu ċerti setgħat tas-sanzjonar, bħall-irtirar tal-liċenzji u l-iskwalifika/tkeċċija tal-maniġers, li x'aktar ikunu partikolarment xierqa biex tiġi żgurata d-deterrenza fis-settur finanzjarju.

Pereżempju, f'sitt (6) Stati Membri ma hemm l-ebda possibilità biex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni f'każ ta' vjolazzjoni tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq. 15-il Stat Membru ma jiddisponux l-iskwalifika/tkeċċija tal-maniġment u/jew il-korp superviżorju f'każijiet li jinvolvu l-manipulazzjoni tas-suq skont din id-Direttiva. Dawk is-setgħat jistgħu jkunu utli biex jiġu ssanzjonati effikaċement il-vjolazzjonijiet, u għalhekk jiġi pprevenut l-abbuż tas-suq.

Twissijiet pubbliċi u pubblikazzjonijiet ta' sanzjonijiet mhumiex previsti fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali kollha anki minkejja li dawn ikunu ta' kontribut sinifikanti għall-prevenzjoni ġenerali, billi jaġixxu bħala tfakkiriet tas-sanzjonijiet applikabbli għal ċerti tipi ta' mġieba u juru li verament jeżisti l-periklu li tali mġieba tinqabad u tiġi punita mill-awtoritajiet. Pereżempju, fl-ambitu tal-MiFID, ħames (5) Stati Membri ma jipprevedux twissijiet pubbliċi u seba' (7) Stati Membri ma jipprevedux il-pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet. Fis-settur tal-assigurazzjoni, 14-il awtorità superviżorja biss konsistemenet jippubblikaw is-sanzjonijiet.

**Il-livelli tas-sanzjonijiet pekunarji amministrattivi (multi) ivarjaw sew bejn l-Istati Membri u huma baxxi wisq f'xi Stati Membri**

Jeżistu diverġenzi importanti dwar il-livell minimu u massimu tas-sanzjonijiet pekunarji previsti fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u okkażjonalment il-livell massimu huwa tant baxx li wisq probabbli s-sanzzjonijiet mhumiex dissważivi biżżejjed.

Pereżempju, fis-settur bankarju l-ammont massimu ta' multi previst għal każ ta' vjolazzjoni huwa bla limitu jew varjabbli f'sitt (6) Stati Membri, aktar minn miljun (1) euro f'disa' (9) Stati Membri, u anqas minn 150,000 euro f'seba' (7) Stati Membri.

Fis-settur tat-titoli fost it-18-il Stat Membru li jipprevedu multi amministrattivi għall-vjolazzjoni tal-projbizzjoni ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata, erba' (4) Stati Membri jipprevedu multi massimi ta' 200 000 euro jew anqas, filwaqt li 12-il Stat Membru biss jipprevedu multi ta' miljun (1) euro jew aktar. Fil-każ ta' vjolazzjonijiet tal-kundizzjonijiet minimi għall-awtorizzazzjoni tad-ditti tal-investiment, 17-il Stat Membru jipprevedu multi massimi ta' anqas minn miljun (1) euro u f'sitta (6) minnhom l-ammont massimu huwa ta' 100 000 jew anqas. Fis-settur tal-assigurazzjoni, il-multi huma bla limitu jew jistgħu jilħqu l-miljun (1) euro jew aktar f'10 Stati Membri, huma bejn 100,000 u miljun (1) euro f'seba' (7) Stati Membri, u anqas minn 100,000 euro f'sitt (6) Stati Membri.

[18] L-eżempji f'din it-taqsima ma jsemmux l-Istati Membri konċernati, minħabba li l-iskop huwa biss biex jiġu spjegati l-problemi ġenerali identifikati. Aktar tagħrif jinsab fir-rapporti tal-Kumitati tas-Superviżuri li fuqhom tissejjes din il-Komunikazzjoni.

Vjolazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji jistgħu jwasslu għal gwadanji ta' bosta miljuni ta' euro, ħafna aktar mil-livelli massimi tal-multi previsti f'xi Stati Membri[19]. Multa li tkun anqas mill-gwadanji li jkunu mistennija mill-vjolazzjoni wisq probabbli ma jkollhiex wisq effett deterrent. Barra minn hekk, kontraventur potenzjali jista' dejjem jittama li l-vjolazzjoni ma tinqabadx mill-awtoritajiet. Biex jiġi żgurat li multa jkollha effett deterrent suffiċjenti fuq operatur razzjonali fis-suq, il-possibilità li vjolazzjoni tibqa' ma tinqabadx trid titpaċa bl-impożizzjoni ta' multi li jkunu sinifikament ogħla mill-benefiċċju potenzjali li joriġina minn ksur tal-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji. Fis-settur finanzjarju, fejn għadd kbir ta' kontraventuri potenzjali huma istituzzjonijiet finanzjarji transfruntieri b'fatturati konsiderevoli sew, sanzjonijiet ta' ftit eluf ta' euro ma jistgħux jitqiesu dissważivi biżżejjed.

**Xi awtoritajiet kompetenti, meta jindirizzaw sanzjonijiet amministrattivi lil persuni fiżiċi ma jistgħux jindirizzaw sanzjonijiet amministrattivi lil persuni ġuridiċi wkoll**

F'ċerti Stati Membri, sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti fuq persuni fiżiċi biss jew fuq persuni ġuridiċi biss: għalhekk dawn jiġu ttrattati b'modi differenti fir-rigward ta' kontravenzjoni speċifika, skont l-Istat Membru fejn tkun twettqet il-kontravenzjoni.

Pereżempju, xi Stati Membri ma jipprevedux l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet fuq persuni fiżiċi fis-settur tal-assigurazzjoni.

F'din is-sitwazzjoni, persuna fiżika (eż. il-maniġer ta' bank) li jkun essenzjalment responsabbli minn vjolazzjoni jista' ma jkunx skuraġġit milli jwettaq vjolazzjonijiet ladarba ma jkollu l-ebda riskju li jiġi ssanzjonat għall-kondotta illiċita tiegħu minħabba li s-sanzjonijiet huma applikati biss għall-persuni ġuridiċi (eż. il-bank). Mill-banda l-oħra, meta individwu jwettaq vjolazzjoni għall-benefiċċju ta' istituzzjoni finanzjarja, sanzjonijiet applikabbli għall-individwu biss jista' ma jkollhomx effett deterrent suffiċjenti fuq l-istituzzjoni finanzjarja. Barra minn hekk, meta vjolazzjoni tkun ir-responsabilità ta' persuna ġuridika (eż. istituzzjoni finanzjarja kumplessiva), is-sanzjonar ta' persuni fiżiċi biss (eż. l-impjegati involuti fil-vjolazzjoni) tista' tkun insuffiċjenti biex tinkuraġġixxi tali istituzzjoni finanzjarja tieħu miżuri organizzazzjonali u tipprovdi t-taħriġ neċessarju lill-persunal biex jipprevjeni vjolazzjonijiet.

**L-awtoritajiet kompetenti ma jqisux l-istess kriterji fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet**

F'bosta setturi, jeżistu diverġenzi dwar il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti meta jiddeċiedu t-tip ta' sanzjonijiet amministrattivi u/jew jikkalkolaw l-ammont ta' sanzjonijiet pekunarji amministrattivi li jridu jiġu applikati f'każ speċifiku. Ċerti fatturi, bħall-benefiċċju li jirriżulta mill-vjolazzjonijiet (fejn kalkolabbli) kif ukoll is-saħħa finanzjarja u l-imġieba koperattiva possibbli tal-awtur ta' vjolazzjoni, mhux dejjem jitqiesu, meta dawn jistgħu jgħinu jiżguraw l-effikaċa, il-proporzjonalità u d-dissważività tas-sanzjonijiet applikati effettivament.

Pereżempju, għall-vjolazzjoni ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata skont id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq, 12-il Stat Membru biss jipprevedu sanzjonijiet li jikkorrispondu tal-anqas għall-benefiċċju derivat mill-vjolazzjoni. Madankollu, multa li ma tkunx konsiderevolment ogħla mill-benefiċċju li jista' jinkiseb minn vjolazzjoni jkollha biss effett dissważiv limitat.

---

[19] Ara pereżempju l-istqarrija għall-istampa tal-FSA Nru FSA/PN/098/2003 tal-25/09/2003.

Fis-settur bankarju, 17-il Stat Membru biss iqisu s-saħħa finanzjarja ta' istitutzzjoni finanzjarja meta jiddeterminaw il-livell ta' multa imposta fuqha. Ħames (5) Stati Membri biss iqisu dak il-fattur fl-applikażżjoni tal-multi għall-vjolazzjonijiet tad-Direttiva UCITS[20]. Madankollu, kwalunkwe penali imposti jeħtieġ ikollhom effett ekwivalenti fuq l-impriżi kollha tas-servizzi finanzarji. multa fuq livell żgħir, filwaqt li ċarament tkun dissważiva għal ċerti istituzzjonijiet finanzjarji żgħar, ikollha biss effett dissważiv limitat ħafna għall-istituzzjonijiet finanzjarji kbar.

Finalment, il-livell ta' koperazzjoni tal-kontraventur ma jiġix ikkunsidrat fl-Istati Membri kollha, meta dan jista' jinkuraġġixxi l-kontraventuri jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti, li huwa importanti biex tiżdied il-kapaċità investigattiva tagħhom. Pereżempju, fis-settur tal-assigurazzjoni, il-koperazzjoni mal-awtoritajiet tiġi kkusidrata fi 18-il Stat Membru biss.

**Hemm diverġenza fin-natura (amministrattiva jew kriminali) tas-sanzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali**

Il-firxa ta' vjolazzjonijiet li għalihom huma previsti sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jvarja fl-UE.

Pereżempju, filwaqt li l-Istati Membri kollha jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi fil-każ ta' vjolazzjonijiet tal-MiFID, 13-il Stat Membru biss jipprevedu wkoll sanzjonijiet kriminali.

Soġġett għal analiżi dettajlata każ każ, is-sanzjonijiet kriminali applikabbli għall–aktar vjolazzjoni serja tar-regoli tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji jibagħtu messaġġ qawwi ta' diżapprovazzjoni lill-kontraventuri individwali u jistgħu għalhekk ikollhom effett dissważiv importanti, jekk dawn ikunu applikati kif dovut mis-sistema tal-ġustizzja kriminali.

**Il-livell ta' applikazzjoni tas-sanzjonijiet ivarja bejn l-Istati Membri**

Barra milli s-sanzjonijiet xierqa jkunu previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, huwa kruċjali għall-effikaċa tar-reġimi tas-sanzjonar li jiġi żgurat li s-sanzjonijiet jiġu effettivament applikati meta tinstab vjolazzjoni jew ikun hemm provi dwarha.

Minkejja li ma hemm l-ebda indikatur sempliċi li jkun kapaċi jkejjel u jikkumpara l-livell tal-applikazzjoni tas-sanzjonijiet fi Stati Membri differenti, tista' tingabar xi evidenza mill-fatturi tal-input, bħalma huma r-riżorsi ddedikati minn pajjiż fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, jew il-fatturi tal-awtput bħall-għadd u l-livell tas-sanzjonijiet applikati. Pereżempju, l-għadd ta' sanzjonijiet applikati fi Stati Membri differenti fl-2007 ivarja bejn 0 għal aktar minn 100, u d-diverġenzi jeżistu wkoll fl-Istati Membri li għandhom setturi finanzjarji bankarji ta' daqs simili. Xi Stati Membri ma applikawx sanzjonijiet għal aktar minn sentejn[21].

Dan jista' jiġi spjegat minn għadd ta' fatturi inkluż in-nuqqas ta' vjolazzjonijiet, imma jidher li x'aktarx dan huwa dovut, parzjalment, għall-fatt li l-vjolazzjonijiet ma kinux qed jinqabdu. Dan jidher aktar probabbli meta wieħed iqis li xi wħud minn dawn l-Istati Membri għandhom settur finanzjarju ta' ċerta importanza u li Stati Membri oħra li għandhom swieq finanzjarji ta' daqs simili applikaw bosta sanzjonijiet fl-istess perjodu ta' sentejn imsemmi.

---

[20] Sorsi: informazzjoni fornuta mill-membri tal-KRET dwar is-sanzjonijiet previsti fir-regoli nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva UCITS.

[21] Eż. fis-settur bankarju, xi Stati Membri ma imponew l-ebda sanzjoni fl-2006-2007 u l-ewwel trimestru tal-2008.

## 3.2. Il-konsegwenzi ta' reġimi tas-sanzjonar diverġenti u dgħajfin

Is-sanzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali fil-każ ta' vjolazzjonijiet tar-regoli tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji, ivarjaw f'aspetti kruċjali tar-reġimi tas-sanzjonar. Dawk id-diverġenzi wasslu għal sitwazzjoni fejn is-sanzjonijiet jidher li mhux dejjem ikunu ottimali f'termini ta' effikaċa, proporzjonalità u dissważività.

Tassew, meta sanzjonijiet applikati fl-Unjoni kollha ma jkunux stretti biżżejjed jew il-lviell tagħhom ikun partikolarment baxx anki għall-aktar vjolazzjonijiet gravi, ikun hemm riskju għoli li dawn ma jkollhomx effett dissważiv suffiċjenti, minħabba li l-gwadann perċepit mill-imġieba illegali ikun ħafna aktar mir-riskju reali. Barra minn hekk, minħabba li l-effett dissważiv u tal-effikaċa tas-sanzjonijiet jiddependi tal-anqas parzjalment mill-fatt li jiġu pperċepiti li jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti, li jiġu disposti sanzjonijiet xierqa jkun insuffiċjenti jekk il-vjolazzjonijiet ma jinqabdux u għalhekk is-sanzjonijiet ma jiġux applikati.

Nuqqas ta' dissważività u applikazzjoni ineffikaċi tas-sanzjonijiet jistgħu jirriżultaw **f'nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji** (bħar-regoli prudenzjali, obbligi ta' kondotta operazzjonali, obbligi ta' trasparenza, eċċ.) li jistgħu jżidu r-riskju tal-manipulazzjoni tas-suq u n-nuqqas ta' trasparenza, u jista' jkun li jwasslu l-istituzzjonijiet finanzjarji biex jieħdu riskji eċċessivi fl-attività tagħhom.

Din is-sitwazzjoni tissogra serjament li **tippreġudika l-protezzjoni tal-konsumaturi u l-integrità** tas-swieq. Vjolazzjonijiet tar-regoli tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji jista' jkun li jikkawżaw ħsarat ekonomiċi gravi għal firxa wiesgħa ta' utenti tas-servizzi finanzjarji u għas-sikurezza u l-integrità tas-swieq finanzjarji, li minnhom innfushom iwasslu għal riperkussjonijiet negattivi fuq l-ekonomija kollha.

Barra minn hekk, id-diverġenzi fir-reġimi tas-sanzjonar jistgħu joħolqu **distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-Suq Intern**. Jekk is-sanzjonijiet applikati fi Stati Membri differenti għal vjolazzjonijiet simili jkunu konsiderevolment differenti, l-istituzzjonijiet finanzjarji tista' tiġihom it-tentazzjoni li jidħlu f'arbitraġġ regolatorju meta jiddeċiedu dwar il-post tal-istabiliment tagħhom jew dwar il-postazzjoni tal-fergħat; sabiex jibbenifikaw mir-reġimi tas-sanzjonar l-anqas stretti. Dan jista' jipprevjeni l-iżvilupp ta' kuntest ekwu fis-Suq Intern.

Id-defiċenzi identifikati fir-reġimi nazzjonali tas-sanzjonar jistgħu wkoll ikollhom **impatt negattiv fuq is-superviżjoni finanzjarja**. Arkitettura superviżorja Ewropea ġdida twaqqfet biex tiżgura superviżjoni effikaċi tad-ditti finanzjarji, li teħtieġ koperazzjoni, kordinazzjoni u fiduċja fost is-superviżuri nazzjonali. Madankollu, awtorità superviżorja tista' ma tkunx trid tiddelega setgħat[22] lil awtorità fi Stat Membru ieħor fejn ir-reġim tas-sanzjonar ikun konsiderevolment idgħjef. Jekk is-superviżuri nazzjonali ma jkunux mgħonija b'setgħat ekwivalenti u konsistenti, inkluż setgħat tas-sanzjonar, hemm ir-riskju li d-deċiżjonijiet maqbula ma' kulleġġ ma jiġux applikati b'mod konsistenti mis-superviżuri konċernati.

Fl-aħħar nett, din is-sitwazzjoni tissogra **tippreġudika l-kunfidenza fis-settur finanzjarju**, fejn il-partijiet interessati, u partikolarment il-konsumaturi jinnutaw li l-imġieba illegali ma tiffaċċax sanzjonijiet xierqa li jkunu kapaċi jiskuraġġixxu aktar vjolazzjonijiet.

---

[22] Awtorità kompetenti tista' tiddelega kompiti u responsabilitajiet lil awtoritajiet kompetenti oħrajn b'ċerti kundizzjonijiet, biex tiġi żgurata superviżjoni transfruntiera effikaċi.

## 4. AZZJONIJIET TA' POLITIKA SUĠĠERITI

Fid-dawl ta' dawk id-defiċenzi, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li huma neċessarji aktar konverġenza u rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar biex jiġi pprevenut ir-riskju ta' funzjonament ħażin tas-swieq finanzjarji u li dawn iġibu benefiċċji importanti. Il-Kummissjoni tqis li dawn l-għanijiet jistgħu jitlaħqu aħjar permezz ta' azzjoni mill-UE aktar milli permezz ta' inizjattivi nazzjonali differenti, li ma jkunux suffiċjenti biex tintlaħaq il-konverġenza.

Il-Kummissjoni għalhekk tissuġġerixxi li jiġi stabilit standard minimu komuni fil-livell Ewropew dwar il-materji kruċjali tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji fejn ġew identifikati defiċenzi.

### 4.1. Approssimazzjoni minima tar-reġimi nazzjonali tas-sanzjonar

Il-Kummissjoni tqis li tista' tkun neċessarja inizjattiva leġiżlattiva tal-UE li tipprowovi konverġenza u tirrinforza r-reġimi nazzjonali tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Dawn l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri waħedhom: fin-nuqqas ta' qafas komuni tal-UE, l-inizjattivi nazzjonali ma jistgħux jiżguraw konsistenza fir-rinforzar tar-reġimi tas-sanzjonar. Azzjoni tal-UE għalhekk tidher li hija neċessarja biex tintlaħaq konverġenza suffiċjenti.

Il-Kummissjoni taħseb li inizjattiva leġiżlattiva meħtieġa biex tistabilixxi xi standards minimi komuni li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw fit-tfassil tas-sanzjonijiet amministrattivi għal vjolazzjoni tar-regoli tas-servizzi finanzjarji u meta japplikaw dawn is-sanzjonijiet f'dan il-qasam. Tali standards jkunu żviluppati fil-qafas tal-prinċipji bażiċi komuni għas-setturi speċifiċi kollha, li jkunu jiggarantixxu l-koerenza komplessiva ta' kwalunkwe azzjoni tal-UE f'dan il-qasam, imma li jkunu adattati skont l-ispeċifitajiet tas-setturi differenti u l-atti leġiżlattivi tal-UE fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali għall-aktar vjolazzjonijiet serji tal-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji tista' tkun prevista jekk u fejn dan jirriżulta essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi ta' tali leġiżlazzjoni.

L-approċċ leġiżlattiv previst ikun speċifiku għas-settur u strettament limitat għal ċerti elementi tar-reġim tas-sanzjonar[23]. Xi elementi ewlenin ġew identifikati fit-taqsima li ġejja.

---

[23] Il-bażijiet legali għal azzjoni tal-UE f'dan il-qasam ikunu d-dispożizzjonijiet dwar is-suq intern fit-Trattat li jikkonċernaw l-approssimizzazzjoni tal-liġijiet (l-Artikolu 114 tat-TFUE), il-kordinazzjoni tar-regoli dwar il-bidu u l-insegwiment tal-attivitajiet ta' persuni b'impjieg għar-rashom u l-libertà tal-forniment tas-servizzi (l-Artikoli 53(1) u 62 tat-TFUE). Dawn jipprovdu lil-leġiżlatur tal-UE l-possibilità li jadotta miżuri għall-approssimizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali, bl-għan li jittejbu l-kondizzjonijiet għall-istabiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Dan jista' jinkludi miżuri marbuta mas-sanzjonijiet jekk dawn ikunu neċessarji sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-UE jkunu effikaċi bis-sħiħ. L-introduzzjoni ta' tali miżuri fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji tissejjes fuq l-istess bażi legali bħall-atti leġiżlattivi settorali konċernati. L-Artikolu 83 tat-TFUE jipprovdi wkoll bażi legali għall-istabiliment ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni tal-kontravenzjonijiet u sanzjonijiet kriminali, meta l-approssimizzazzjoni tal-liġijiet kriminali tirriżulta essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi tal-politika tal-Unjoni f'qasam li jkun soġġett għal miżuri ta' armonizzazzjoni.

### 4.2. Kwistjonijiet ewlenin għall-approssimizzazzjoni

Abbażi tal-ispeċifiċitajiet ta' kull settur u att leġiżlattiv fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, il-Kummissjoni taħseb li l-approssimizzazzjoni għandha tindirizza tal-anqas il-kwistjonijiet li ġejjin.

- ***Tipi adegwati ta' sanzjonijiet amministrattivi għall-vjolazzjonijiet ta' dispożizzjonijiet kruċjali***

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, għal vjolazzjonijiet ta' kull dispożizzjoni kruċjali ta' att leġiżlattiv tal-UE, li l-konformità magħha tkun essenzjali għall-effikaċja prattika tal-att u għalhekk tal-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji, sett ta' qofol ta' sanzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu disposti fl-Istati Membri kollha. Tali sanzjonijiet għandhom ikunu ta' natura li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti biex jimponu f'kull każ speċifiku, sanzjoni li wisq probabbli tkun ottimali f'termini ta' effikaċa, proporzjonalità u dissważività.

Pereżempju, ordnijiet ta' waqfien u ebda tkomplija u inġunzjonijiet tal-qrati jew amministrattivi jistgħu ma jkunux utli jekk ikun hemm riskju li ċerti tipi ta' vjolazzjonijiet jipperpetwaw jew jirrepetu ruħhom. Barra minn dan, l-impożizzjoni ta' multa xierqa jista' jkollha effett deterrent konsiderevoli għaliex timponi kost fuq l-awtur tal-vjolazzjoni. Irtirar tal-awtorizzazzjoni titsa' tkun xierqa fil-każ ta' vjolazzjoni rikurrenti ta' dispożizzjonijiet kruċjali tal-atti leġiżlattivi tal-UE. Is-sostituzzjoni tal-maniġers ta' istituzzjoni finanzjarja hija sanzjoni li tiġi applikata fil-każijiet ta' atti gravement ħżiena mill-maniġment.

Barra minn hekk, twissijiet pubbliċi u l-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti lill-prevenzjoni ġenerali tal-vjolazzjonijiet. Ir-reġimi tas-sanzjonijiet ikunu jipprevjenu aħjar kontraventuri potenzjali oħra minn vjolazzjonijiet futuri, jekk dawk ikunu konxji li s-sanzjonijiet previsti fil-liġi jkunu attivament applikati u infurzati u jkun hemm riskju reali li l-vjolazzjonijiet jinqabdu u jiġu ssanzjonati mill-awtoritajiet.

Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li jiddaħħlu dispożizzjonijiet koerenti f'kull att leġiżlattiv, li jindika, għal kull waħda mid-dispożizzjonijiet krucjali, tip wieħed jew aktar ta' sanzjonijiet amministrattivi li jrid ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kollha fil-każ ta' vjolazzjonijiet ta' dik id-dispożizzjoni. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali jkollha tiżgura li dawk it-tipi ta' sanzjonijiet ikunu jistgħu jiġu imposti kontra l-persuni responsabbli minn tali vjolazzjoni. Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll miżuri possibbli biex jiġi żgurat kollegament xieraq bejn tali sanzjonijiet amministrattivi u kwalunkwe sanzjonijiet kriminali imposti mill-Istati Membri.

- ***Pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet***

Il-Kummissjoni taħseb li jeħtieġ li bħala regola l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddivulgaw lill-pubbliku s-sanzjonijiet imposti. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra jekk obbligu ġenerali f'dan is-sens, għandux jiġi introdott u l-eċċezzjonijiet minn dak l-obbligu jkunu limitati aktar, perżempju billi jiġi pprovdut li fejn divulgazzjoni tippreġudika serjament is-swieq finanzjarji, l-awtorità tkun teħtieġ tippubblika s-sanzjonijiet bi kwalunkwe mezz anonimu.

- ***Livell għoli biżżejjed ta' multi amministrattivi***

Fid-dawl tal-gwadanji kbar li jistgħu jinkisbu mill-vjolazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji, il-livell ta' kwalunkwe multa disposta mid-dritt nazzjonali għandu jkun

suffiċjentement għoli biex jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jimponu multi effikaċi, proporzjonati u dissważivi. Sabiex jiġi skuraġġit operatur razzjonali fis-suq milli jikser il-liġi, il-possibilità li vjolazzjoni tibqa' ma tinqabadx għandha tiġi bbilanċata b'multa li tkun tista' raġonevolment titqies li tkun teċċedi l-benefiċċji finanzjarji potenzjali li jistgħu jiġu gwadanjati minn vjolazzjoni, anki fejn dawk il-benefiċċji ma jkunux jistgħu jiġu kkalkolati. Dan isir bis-suppożizzjoni li operatur razzjonali fis-suq iqis il-probabbiltà li jinqabad meta jiddeċiedi jekk iwettaqx kontravenzjoni, u li effettivament mhux il-vjolazzjonijiet kollha jinqabdu.

Barra minn hekk, peress li, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ speċifiku, il-livell reali tas-sanzjonijiet imposti spiss huwa anqas mill-massimu previst mil-leġiżlazzjoni, u l-firxa permessa ta' sanzjonijiet ma tiġix dejjem eżerċitata, huwa aktar u aktar importanti li l-livelli ta' limitu jkunu suffiċjentement għolja sabiex tiġi żgurata d-deterrenza għal kwalunkwe tip ta' vjolazzjoni.

Il-Kummissjoni għalhekk ser tivvaluta jekk jeħtieġx tistabilixxi, għal kull kategorija ta' multi amministrattivi, livelli minimi li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jħarsu meta jistipulaw il-firxa ta' multi previsti fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali. Dan il-livell jista' jiġi ddeterminat billi jitqiesu t-tipi ta' vjolazzjonijiet u l-benefiċċji li jistgħu jkunu mistennija li jiddaħħlu minn vjolazzjoni, sabiex dan il-livell jeċċedi sinifikament tali benefiċċji potenzjali.

- ***Sanzjonijiet previsti kemm għal individwi kif ukoll għal istituzzjonijiet finanzjarji***

Is-sanzjonijiet għandhom ikunu imposti fuq l-individwi responsabbli għal vjolazzjoni u/jew fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji li għall-benefiċċju tagħhom dawk l-individwi jkunu qed jaġixxu meta jwettqu ksur. Is-sanzjonar tal-individwi responsabbli għal vjolazzjoni jista' jkun aktar xieraq fejn vjolazzjoni tkun esklussivament ir-responsabilità tagħhom. Mill-banda l-oħra, fejn dak l-individwi jkun parti minn istituzzjoni finanzjarja, l-immultar tal-istituzzjoni finanzjarja spiss ikun xieraq jekk il-persuna responsabbli tkun aġixxiet għall-benefiċċju ta' istituzzjoni finanzjarja. Barra minn hekk dan jista' jħeġġeġ lill-istituzzjoni finanzjarja tieħu miżuri organizzazzjonali u tipprovdi lill-persunal taħriġ neċessarju biex tipprevjeni vjolazzjonijiet.

Il-Kummissjoni tqis li, bla ħsara għall-ispeċifiċitajiet ta' kull att leġiżlattiv, għandhom ikunu disponibbli sanzjonijiet amministrattivi kontra l-individwu responsabbli u l-istituzzjonijiet finanzjarji li għall-benefiċċju tagħhom ikun aġixxa l-individwu .

Il-Kummissjoni qed tikkunsidra tintroduċi dispożizzjonijiet xierqa li jispeċifikaw li s-sanzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu applikabbli għall-persuni kollha responsabbli għal kontravenzjoni[24]. Dan għandu jinkludi l-individwu responsabbli għal vjolazzjoni u/jew fejn dak l-individwu jkun parti minn istituzzjoni finanzjarja, l-istituzzjoni finanzjarja li għall-benefiċċju tagħha jkun aġixxa meta wettaq il-vjolazzjoni.

- ***Kriterji xierqa biex jitqiesu meta jiġu applikati s-sanzjonijiet***

[24] Bosta Direttivi jipprovdu li jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet fuq il-persuni responsabbli għall-kontravenzjoni, imma mingħajr ma jiċċaraw jekk dawn jinkludux il-persuni fiżiċi u ġuridiċi. Hemm xi eċċezzjonijiet, eż. fid-Direttiva Solvenza II 2009/138/KE, l-Artikolu 34 ("L-awtoritajiet superviżorji għandu jkollom is-setgħa li jieħdu kwalunkwe miżura neċessarja inklużi dawk, fejn xieraq, ta' natura amministrattiva u finanzjarja, fir-rigward ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-rijassigurazzjoni, u tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tagħhom").

L-effikaċa, il-proporzjonalità u d-dissważività tas-sanzjonijiet jiddependu wkoll mill-fatturi, inkluż ċirkostanzi aggravanti jew mitiganti, meqjusa mill-awtoritajiet kompetenti meta jiddeċiedu dwar is-sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati għall-awtur ta' vjolazzjoni speċifika. Dan jgħodd partikolarment għad-determinazzjoni tal-ammont reali tal-multi, fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi firxa ta' ammonti minimi u massimi.

Dawn il-fatturi għandhom jitfasslu b'mod li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jadattaw it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet imposti għan-natura u l-impatt tal-vjolazzjoni kif ukoll għall-kondizzjonijiet personali tal-kontraventuri, li jgħinu fl-iżgurar ta' proporzjonalità u dissważività ottimali tas-sanzjonijiet effettivament imposti.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, barra l-gravità tal-vjolazzjoni li diġà hija prevista kważi fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali kollha, il-fatturi li għandhom jitqiesu għandhom jinkludu tal-anqas:

– il-benefiċċji finanzjarji għall-awtur tal-kontravenzjoni derivati mill-vjolazzjoni (jekk kalkolabbli), sabiex jiġi rifless aħjar l-impatt tal-vjolazzjoni u jiġu skuraġġiti aktar vjolazzjonijiet;

– is-saħħa finanzjarja tal-awtur tal-vjolazzjoni, kif indikat mill-elementi bħall-fatturat annwali ta' istituzzjoni finanzjarja jew l-introjtu annwali ta' persuna responsabbli mill-vjolazzjoni, li jgħinu fl-iżgurar li s-sanzjonijiet ikunu dissważivi biżżejjed anki għal istituzzjonijiet finanzjarji kbar.

– l-imġieba koperattiva tal-awtur tal-vjolazzjoni, li tista' tikkontribwixxi biex tħeġġeġ lill-kontraventuri jikkoperaw u b'dan iżidu l-kapaċità investigatorja tal-awtoritajiet u għalhekk l-effikaċa tas-sanzjonijiet;

– id-durata tal-vjolazzjoni.

Il-Kummissjoni għalhekk qed tikkunsidra proposti biex tintroduċi dispożizzjonijiet li jeħtieġu lill-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, meta jiddeterminaw is-sanzjonijiet li jrid jiġu imposti għal vjolazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji, iqisu, tal-anqas, ċerti kriterji kruċjali komuni.

- ***Introduzzjoni possibbli ta' sanzjonijiet kriminali għall-vjolazzjonijiet l-aktar gravi***

Sanzjonijiet kriminali, partikolarment priġonerija, ġeneralment jitqiesu li jwasslu messaġġ qawwi ta' diżapprovazzjoni li jista' jżid id-dissważività tas-sanzjonijiet, sakemm ikunu applikati kif dovut mis-sistema tal-ġustizzja kriminali.

Madankollu, is-sanzjonijiet kriminali jistgħu ma jkunux xierqa għat-tipi kollha ta' vjolazzjonijiet u għall-każijiet kollha. Priġonerija tista' tkun imposta biss kontra persuni fiżiċi, filwaqt li f'xi Stati Membri multi kriminali jistgħu jiġu imposti fuq persuni ġuridiċi. Mhux it-tipi kollha ta' vjolazzjonijiet li jokkorru fil-qasam tas-servizzi finanzjarji jistgħu jitqiesu suffiċjentement gravi biex jiggarantixxu sanzjonijiet kriminali.

Id-dritt eżistenti tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji huwa mingħajr ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jimponu sanzjonijiet kriminali. Fil-fatt, bosta Stat Membru għandhom sanzjonijiet kriminali fis-seħħ għal ċerti kontravenzjonijiet fis-settur tas-servizzi finanzjarji, partikolarment fil-każ tal-abbuż tas-suq jew tal-abbuż minn informazzjoni privileġġata. Fil-każ tal-manipulazzjoni tas-suq ipprojbita skont id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq, żewġ (2)

Stati Membri biss ma jiddisponux sanzjonijiet kriminali. F'oqsma oħra sanzzjonijiet kriminali huma previsti f'ħafna anqas Stati Membri. Pereżempju, vjolazzjonijiet tal-kondizzjonijiet inizzjali għall-awtorizzazzjoni ta' ditta ta' investiment skont il-MiFID huma punibbli bi priġonerija f'seba' Stati Membri biss.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq u b'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ĠAI tat-22 ta' April 2010 dwar il-prevenzjoni tal-kriżi ekonomika u l-appoġġ għall-attività ekonomika u l-Programm ta' Stokkolma[25], il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk u f'liema oqsma l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali, u l-istabiliment ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' vjolazzjonijiet kriminali u sanzjonijiet jistgħu jkunu essenzjali sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji. Kwalunkwe proposta fil-qasam tad-dritt kriminali għandha timmira li tiżgura koerenza xierqa u konsistenza fis-setturi differenti kollha, partikolarment meta jitqies it-tip u l-livell tas-sanzjonijiet kriminali inklużi fid-direttivi tal-UE.

- ***Mekkaniżmi xierqa li jappoġġaw l-applikazzjoni effikaċi tas-sanzjonijiet***

Sabiex jiġi żgurat reġim tas-sanzjonar effikaċi, proporzjonat u dissważiv, huwa essenzjali li s-sanzjonijiet previsti mill-liġi jkunu applikati effikaċement, li l-vjolazzjonijiet jinqabdu, li l-investigazzjonijiet u l-proċeduri tas-sanzjonar jitwettqu b'espedjenza u li s-sanzjonijiet xierqa jiġu imposti fejn dan ikun meħtieġ.

L-applikazzjoni tas-sanzjonijiet tal-vjolazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji hija prinċipalment fir-responsabilità tal-awtoritajiet nazzjonali. Sabiex ikun possibbli għall-awtoritajiet kompetenti biex jinfurzaw effikaċement id-dritt tal-UE, il-qafas legali u istituzzjonali għandu jkun kemm jista' jkun iwassal għad-detezzjoni tal-vjolazzjonijiet u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet xierqa.

Il-Kummissjoni tfakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw, mingħajr ħsara għall-indipendenza tal-ġudikatura, li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw is-sanzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod effikaċi. Dak għandu jinkludi, fost l-oħrajn, riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti ddedikati għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, taħriġ xieraq u għarfien speċjalizzat tal-persuni u l-istituzzjonijiet li jwettqu l-investigazzjonijiet u proċeduri tas-sanzjonar. Il-Kummissjoni tqis li dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati aħjar fil-livell nazzjonali.

Madankollu, il-Kummissjoni taħseb li l-UE tista' tieħu azzjoni biex ittejjeb il-qafas legali li fih joperaw l-awtoritajiet kompetenti, u partikolarment biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kollha jkollhom s-setgħat u l-għodod investigatorji kruċjali neċessarji, jikkoperaw u jikkordinaw l-azzjoni tagħhom b'mod xieraq.

Filwaqt li l-grad ta' konverġenza b'rabta mas-setgħat u l-għodod investigatorji l-aktar kruċjali abbażi tal-leġiżlazzjoni eżistenti diġà huwa relattivament għoli, għad ma ntlaħqet l-ebda konverġenza dwar, partikolarment, il-mekkaniżmi tal-inkuraġġiment tal-persuni li jkunu jafu bi vjolazzjonijiet potenzjali biex jirrapportaw dawk il-vjolazzjonijiet f'istituzzjoni finanzjarja jew lill-awtoritajiet kompetenti, u tal-inkuraġġiment tal-persuni li jkunu responsabbli minn vjolazzjonijiet potenzjali biex jirrapportaw dawk il-vjolazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti.

[25] Ara n-nota tal-qiegħ 3.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, jista' jkun utli li jiġi esplorat jekk ikunux jistgħu jiġu introdotti dispożizzjonijiet komuni dwar mekkaniżmi li l-Istati Membri jkollhom idaħħlu fis-seħħ biex jaqbdu aħjar il-vjolazzjonijiet tad-dritt tal-UE, partikolarment dawk li jimmiraw lejn il-protezzjoni tal-persuni (eż. impjegati ta' istituzzjonijiet finanzjarji) li jiddenunċaw vjolazzjonijiet potenzjali mwettqa minn persuni oħra (ġażi (whistleblowing)) jew lejn li jiddisponu tnaqqis fis-sanzjonijiet applikabbli għall-persuni li jistqarru l-involviment tagħhom fi vjolazzjoni, skont ċerti kundizzjonijiet stretti u ddefiniti b'mod ċar (programmi ta' klemenza)[26]. Billi l-awtoritajiet kompetenti jitħallew jikxfu vjolazzjonijiet li probabbilment kien ikunu jibqgħu ma jinqabdux, jew li jiġbru aktar evidenza dwar vjolazzjoni, tali mekkaniżmi jkunu jistgħu jikkontribwixxu għal applikazzjoni aktar effikaċi tad-dritt tal-UE, għall-benefiċċju tal-parteċipanti kollha fis-suq finanzjarji.

Fir-rigward tal-<u>koperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti</u>, il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE diġà pprovdiet obbligu għall-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jikkoperaw ma' xulxin kull meta jkun neċessarju għall-fini tal-qbid tal-vjolazzjonijiet u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet. Partikolarment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni u jikkoperaw fejn vjolazzjoni jkollha effetti f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Il-Kummissjoni temmen li l-ASE l-ġodda ser jiffaċilitaw aktar il-koperazzjoni eżistenti bejn l-awtoritajiet kompetenti, li jgħinu fl-iżgurar ta' applikazzjoni aktar konsistenti tas-sanzjonijiet u attivitajiet superviżorji aktar effiċjenti. Għal dan il-għan, l-ASE għandhom jużaw is-setgħat tagħhom biex iwettqu eżamijiet bejn il-pari, u jinkludu setgħat ta' sanzjonar bħala qasam ta' prijorità għal dawk l-eżamijiet. Għandhom ukoll jagħmlu użu sħiħ mis-setgħat tagħhom li jiġbru informazzjoni dwar is-sanzjonijiet, sabiex jimmonitorjaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali u jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u l-aqwa prassi bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-ASE għandhom il-possibilità li jsolvu n-nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet nazzjonali, f'ċerti oqsma li jeħtieġu koperazzjoni, kordinazzjoni jew teħid konġunt ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji minn aktar minn Stat Membru wieħed.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ser tikkonsidra jekk aktar konverġenza dwar kwisjonijiet speċifiċi oħra, bħar-regoli dwar l-oneru tal-provi, tkunx neċessarja biex jiġi żgurat li s-sanzjonijiet disposti fil-liġi jkunu applikati effikaċement.

## 5. KONKLUŻJONI

Il-kriżi finanzjarja wriet li r-regoli tas-swieq finanzjarji mhux dejjem jiġu rispettati u applikati kif suppost. Dan ippreġudika serjament il-kunfidenza fis-settur finanzjarju. Filwaqt li tirrikonoxxi li reġimi tas-sanzjonar aktar stretti ma jistgħux jirrimedjaw il-problemi kollha marbuta mal-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji, il-Kummissjoni taħseb li konverġenza akbar u rinfurzar tar-reġimi nazzjonali eżistenti jistgħu jgħinu sinifikantement biex jiġi pprevenut ir-riskju ta' funzjonament mhux sewwa tas-swieq finanzjarji u jiġi assistit l-iżvilupp ta' kuntest ekwu fis-Suq Intern.

Il-Kummissjoni tilqa' kummenti mill-Istati Membru u l-partijiet interessati dwar l-analiżi tad-defiċenzi identifikati u l-proposti ta' politika ssuġġeriti f'din il-Komunikazzjoni. Il-partijiet interessati huma partikolarment mistiedna jindikaw jekk hemmx xi kwistjoni li jaħsbu li ma

[26] Ara l-programmi stabiliti mill-OFT u s-SEC biex jippremjaw lill-ġażżaja.

jkunx xieraq li dwarha jkun hemm aktar approssimizzazzjoni u jekk hemmx oqsma li fihom il-Kummissjoni għandha tqis azzjonijiet addizzjonali.

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha biex jibagħtu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fi: markt-sanctions-consultation@ec.europa.eu, sad-19 ta’ Frar 2011.

Ir-risponsi rċevuti ser ikunu disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Kummissjoni sakemm ma tintalabx speċifikament il-kunfidenzjalità, u l-Kummissjoni ser tippubblika sommarju tar-riżultati tal-konsultazzjoni.

Il-Kummissjoni ser tqis il-kummenti rċevuti, jekk tiddeċiedi li tagħmel proposti xierqa dwar kif tirrinforza r-reġimi nazzjonali tas-sanzjonar b'mod konsistenti. Kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva futura f'dan il-qasam tiġi akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt tal-kwistjonijiet rilevanti marbuta mas-sanzjonar.